Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2023/2139(DEC)

23.1.2024

OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022, Taqsima III – L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew
(2023/2139(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Tomáš Zdechovský

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota li l-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti") iddikjarat li t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("UPPE") għas-sena finanzjarja 2022 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha u li l-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2022 hija rappreżentata b'mod ġust;

2. Jilqa' l-fatt li l-biċċa l-kbira tal-osservazzjonijiet mill-Qorti mis-sena l-oħra ngħalqu, u li l-UPPE rnexxielu jnaqqas il-proporzjon ta' pagamenti tard minn 21 % fl-2021 għal 5 % fl-2022;

3. Jinnota t-tkabbir sinifikanti tal-ammont ta' xogħol tal-UPPE; jirrikonoxxi b'sodisfazzjon li l-UPPE rċieva 3 318 rapport u 58 % minnhom intbagħtu minn partijiet privati li juri wkoll li l-UPPE huwa korp ġudizzjarju ferm magħruf; japprezza li l-UPPE fetaħ 865 investigazzjoni inkluż dwar l-akkwist ta' vaċċini kontra l-COVID-19; bid-danni għall-2022 stmati għal EUR 9,9 biljun; jinnota li l-ammont ta' każijiet tal-UPPE ġie sottovalutat b'mod sinifikanti;

4. Jilqa' l-fatt li l-UPPE ngħata riżorsi umani addizzjonali bi profili speċjalizzati u kwalifikati ħafna, inkluż, għall-ewwel darba fl-2022, Esperti Nazzjonali Sekondati (SNE); jinnota li tnedew u tlestew 34 proċedura ta' selezzjoni għall-persunal statutorju u tliet proċeduri ta' selezzjoni għall-SNEs; jilqa' l-għadd totali ta' membri tal-persunal statutorju u SNEs li jilħaq il-221, li jfisser rata ta' okkupanza ta' 89 % tat-tabella tal-persunal;

5. Jinsab imħasseb dwar l-ambjent ta' riskju kbir f'dak li jirrigwarda s-sigurtà fiżika u dik tal-informazzjoni li fih jopera l-UPPE u dwar il-livell attwali ta' riżorsi; jisħaq fuq l-importanza li r-riżorsi umani u finanzjarji jiġu adattati għall-ammont ta' xogħol dejjem ikber u li jiġu riflessi kif xieraq fl-ippjanar baġitarju futur, inkluż permezz ta' baġit tal-UPPE li jikber, jekk ikun meħtieġ;

6. Ifakkar li l-UPPE huwa korp indipendenti tal-UE, stabbilit permezz tal-kunċett ta' kooperazzjoni msaħħa f'materji kriminali responsabbli għall-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u t-tressiq quddiem il-ġustizzja ta' reati kontra l-interessi finanzjarji tal-Unjoni; jinnota li 22 Stat Membru tal-UE biss jipparteċipaw fl-UPPE filwaqt li l-Ungerija, il-Polonja u l-Iżvezja ma ngħaqdux; jistieden lill-Kummissjoni tinvolvi ruħha fi djalogu attiv mal-Istati Membri mhux parteċipanti biex tiffaċilita b'mod effettiv l-eżekuzzjoni tal-attivitajiet tal-UPPE;

7. Jenfasizza l-kooperazzjoni effettiva mal-partijiet ikkonċernati rilevanti; jilqa' l-konklużjoni ta' diversi arranġamenti ta' ħidma ma' awtoritajiet minn pajjiżi terzi b'mod partikolari l-Ukrajna, l-Albanija, il-Moldova, il-Montenegro, il-Georgia u l-Maċedonja ta' Fuq; ifakkar fl-importanza tal-kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-istati mhux parteċipanti; jirrikonoxxi d-differenzi fir-reġimi legali u d-diffikultajiet li jirriżultaw fin-negozjati ta' arranġament ta' ħidma, li fl-Irlanda wasslu għal rifjut ta' diversi snin

konsekuttivi biex jiġu eżegwiti t-talbiet tal-UPPE għal kooperazzjoni ġudizzjarja, kif indikat f'ittra mibgħuta mill-Kap Prosekutur Ewropew lill-Kummissjoni; jilqa' l-impenn tal-awtoritajiet Irlandiżi u jistieden lill-Irlanda biex teżamina mill-ġdid l-arranġament ta' ħidma tagħha mal-UPPE;

8. Jinsab imħasseb li l-ħidma tal-UPPE, b'mod partikolari l-evidenza miġbura, intlaqtet minn nuqqas ta' kooperazzjoni tal-Polonja matul l-2021-2022, għax dan ħalla impatt negattiv dirett fuq il-kapaċità tal-UPPE li jipproteġi l-baġit tal-UE permezz ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet kriminali; jilqa' l-finalizzazzjoni tan-negozjati dwar arranġament ta' ħidma fil-livell tekniku, l-emendi għall-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali Pollakk u li l-UPPE ġie rikonoxxut mill-Polonja bħala awtorità kompetenti għall-istrumenti rilevanti tal-UE dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, inkluża d-Direttiva dwar l-OIE; japprezza wkoll id-deċiżjoni reċenti minn gvern ġdid li jniedi l-proċess biex jissieħeb mal-UPPE; jistieden liż-żewġ partijiet jidħlu fi djalogu u kooperazzjoni ulterjuri biex jiffaċilitaw l-eżekuzzjoni tal-attivitajiet tal-UPPE;

9. Jinnota li l-ħatra tal-prosekuturi delegati Ewropej hija responsabbiltà kondiviża tal-UPPE u l-Istati Membri; jisħaq li l-proċedura tal-ħatra trid dejjem tkun konformi mal-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 u mal-prinċipju tal-awtonomija proċedurali nazzjonali; iħeġġeġ lill-Istati Membri jikkontribwixxu għall-indipendenza sħiħa tal-UPPE fl-eżerċizzju tagħhom tal-proċedura tal-ħatra; jinnota li kien hemm 114-il Prosekutur Delegat Ewropew impjegati fi tmiem l-2022; jilqa' l-fatt li matul il-perjodu ta' rapportar, inħatru 15-il Prosekutur Delegat Ewropew u l-ebda wieħed minnhom ma tkeċċa mill-Kulleġġ tal-UPPE;

10. Ifakkar fl-importanza fundamentali li tiġi żgurata l-indipendenza sħiħa tal-Prosekuturi Delegati Ewropej, li huma esposti għal pressjoni esterna, peress li jwettqu direttament il-proċedimenti fl-Istati Membri rispettivi tagħhom; jinnota li l-indipendenza esterna tal-UPPE hija marbuta wkoll mal-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji li huma suffiċjenti biex jissodisfa l-mandat tiegħu u mal-awtonomija baġitarja meħtieġa għall-ġestjoni tagħhom; jisħaq li finanzjament adegwat tal-UPPE jgħodd kemm għall-UE kif ukoll għal kull Stat Membru parteċipanti;

11. Jilqa' l-kooperazzjoni kontinwa mal-awtoritajiet ta' Stati Membri parteċipanti u mhux parteċipanti u pajjiżi terzi, istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni Ewropea b'mod partikolari l-Eurojust, l-Europol u l-OLAF, jilqa' l-fatt li l-UPPE daħal f'negozjati għal arranġamenti ta' ħidma mal-Parlament Ewropew u l-Aġenziji Eżekuttivi, kif ukoll mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna;

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Ir-rapporteur għal opinjoni jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li ma rċieva l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Data tal-adozzjoni	23.1.2024
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 43 –: 10 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Abir Al-Sahlani, Katarina Barley, Pietro Bartolo, Theresa Bielowski, Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Jorge Buxadé Villalba, Damien Carême, Patricia Chagnon, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Cornelia Ernst, Nicolaus Fest, Maria Grapini, Sylvie Guillaume, Andrzej Halicki, Evin Incir, Sophia in ‘t Veld, Patryk Jaki, Marina Kaljurand, Assita Kanko, Łukasz Kohut, Moritz Körner, Alice Kuhnke, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Erik Marquardt, Javier Moreno Sánchez, Maite Pagazaurtundúa, Diana Riba i Giner, Isabel Santos, Birgit Sippel, Vincenzo Sofo, Tineke Strik, Jana Toom, Milan Uhrík, Tom Vandendriessche, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Elena Yoncheva, Javier Zarzalejos
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	José Gusmão, Beata Kempa, Janina Ochojska, Anne-Sophie Pelletier, Bergur Løkke Rasmussen, Róża Thun und Hohenstein, Maria Walsh, Tomáš Zdechovský
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Andrus Ansip, Hildegard Bentele, Maria da Graça Carvalho, Leopoldo López Gil, Marisa Matias, Caroline Nagtegaal

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

43	+
PPE	Hildegard Bentele, Maria da Graça Carvalho, Andrzej Halicki, Jeroen Lenaers, Leopoldo López Gil, Janina Ochojska, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Javier Zarzalejos, Tomáš Zdechovský
Renew	Abir Al-Sahlani, Andrus Ansip, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Sophia in 't Veld, Moritz Körner, Caroline Nagtegaal, Maite Pagazaurtundúa, Bergur Løkke Rasmussen, Róża Thun und Hohenstein, Jana Toom
S&D	Katarina Barley, Pietro Bartolo, Theresa Bielowski, Maria Grapini, Sylvie Guillaume, Evin Incir, Marina Kaljurand, Łukasz Kohut, Juan Fernando López Aguilar, Javier Moreno Sánchez, Isabel Santos, Birgit Sippel, Elena Yoncheva
The Left	Cornelia Ernst, José Gusmão, Marisa Matias, Anne-Sophie Pelletier
Verts/ALE	Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Damien Carême, Alice Kuhnke, Erik Marquardt, Diana Riba i Giner, Tineke Strik

10	-
ECR	Jorge Buxadé Villalba, Patryk Jaki, Assita Kanko, Beata Kempa, Vincenzo Sofo
ID	Patricia Chagnon, Nicolaus Fest, Tom Vandendriessche
NI	Milan Uhrík
PPE	Maria Walsh

0	0

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni